**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2018**

Kawza Numru: 37/2017MS

John Borg (C22334)

vs

Christian Galea (K.I. 30879A)

It-Tribunal

Ra' l-avviz tar-rikorrent ippreżentat fl-17 ta Ottubru 2017 li permezz tiegħu l-attur qed jitlob li l-konvenuti jiġu kkundanati jħallsuh is-somma ta' tmien mitt Euro (€800.00), prezz ta' żewġ *barbecue sets* mixtrija mill-konvenuti mill-attur, liema prezz baqa' mhux saldat.

Ra' r-risposta tal-konvenuti fejn eccepew illi t-talba attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u li t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont pretiz kien debitament mħallas.

Ra' l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

It-Tribunal għandu, qabel kollox, jikkunsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2148(b), imqajma mill-konvenuti.

L-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 ighid testwalment hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax - il xahar:*

*l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew ħwejjeġ ohra mobbli, mibjugħa bl-imnut."*

Skond il-provi mressqa u d-dokumenti esebiti, jirriżultaw s-segwenti fatti:

1. F'Awwissu 2014 il-konvenuti Christian Galea u Amanda Galea xtraw żewġ *barbecue sets* mingħand Divine Appliances ta' Triq Giorgio Borg Olivier, Victoria, Gozo għal prezz ta' tmien mitt Euro - i.e - €400.00 il-wieħed.

2. Ħallsu permezz ta' *cheque* tal-APS maħrug minn Christian Galea u pagabbli lil Divine, datat 9 ta' Awwissu 2014, fejn kopja tieghu huwa eżebit fl-atti tal-process a fol 12.

3. Tlett snin wara, fl-14 ta' Awwissu 2017 il-konvenut Christian Galea jgħid li rċieva telefonata mingħand impjegata tal-attur li infurmatu illi c-*cheque* ma kienx ġie imsarraf - dan kien l-ewwel darba li xi ħadd mill-kumpanija tal-attur kien kellmu dwar din il-kwistjoni minn meta hu kien xtara l-merkanzija tlett snin qabel.

4. Fl-affidavit tiegħu, Christian Galea jkompli jghid li fil-5 ta' Settembru 2017 l-attur John Borg kkuntatjaħ personalment u qallu li għal xi zmien dan ic-*cheque* kien mitluf, pero' issa nstab.

5. Il-konvenut ikompli jgħid li vverifika mal-Bank u sab illi fil-fatt dan ic-*cheque* partikolari qatt ma kien ġie msarraf, pero' sab ukoll illi kienet saret *withdrawal* ta' €800.00 fil-5 ta' Jannar 2015 - u cjoe' ħames xhur wara li nxtraw dawn il-*barbecue sets.*

6. Il-konvenut ma jiftakarx jekk dawn il-flus (€800.00) tħallsux lill-attur jew le. Ikkonferma pero' illi bejn 2014 u 2017 ma kienx hemm komunikazzjoni bejn l-attur u l-konvenut.

Ikkunsidra

1. Illi l-attur jikkonferma illi l-konvenut ħallas għal *barbecues* b'*cheque* li pero' qatt ma ġie msarraf peress illi ġie *misplaced.* Wara li nstab ċempel lill-konvenut biex javżah illi l-*barbecues* baqgħu mhux imħallsa. Dana kien wara t-terminu ta' sitt xhur fejn normalment ic-*cheque* jista' jissarraf.

2. Mill-kontro-ezami tal-attur jirriżulta li l-attur ma kienx jaf eżattament meta ċempel lill-konvenut u l-anqas ma seta' jgħid jekk dana kienx vicin il-preżentata tal-avviz jew le, avolja ma setax jeskludiha.

Ikkunsidra

Fuq l-iskorta tal-provi fuq imsemmija, it-Tribunal jirrileva l-ewwel nett li l-attur ma jiftakarx meta ċempel l-ewwel darba lil konvenut, pero' igħid illi malli sab ic-*cheque* kellmu immedjatament. Ma jeskludix illi din it-telefonata setgħet saret viċin id-data meta nfetħet il-kawza - 17 ta' Ottubru 2017 - u ċjoe' tlett snin wara illi sar il-bejgħ. Il-konvenut, min-naħa l-oħra, igħid li irċieva l-ewwel telefonata fl-14 ta' Awwissu 2017 u li l-attur kellmu l-ewwel darba fil-5 ta' Settembru 2017.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi illi l-bejgħ sar fil-5 ta' Awwissu 2014 u c*heque* maħrug fid-9 ta' Awwissu 2014. Illi allura dana skada mingħajr ma ġie imsarraf fid-9 ta' Frar 2015. Dan ifisser kwindi illi fil-5 ta' Frar 2016 għadda l-perjodu preskrittiv imsemmi fl-artikolu 2148(b) u ċjoe dak ta' 18 - il xahar. Sa dak in-nhar, żgur ma kien hemm l-ebda kuntatt bejn il-partijiet u kien biss f'Awwissu 2017, meta laħaq ghadda t-terminu preskrittiv fuq imsemmi illi l-attur ċempel lill-konvenut u kellmu fuq il-kwistjoni. Terġa' u tgħid illi l-kawża ġiet intavolata fl-17 ta' Ottubru 2017 - sena u tmien xhur wara li laħaq ghadda t- terminu preskrittiv.

Ikkunsidra

Illi l-preskrizzjoni mhijiex negazzjoni tal-kreditu iżda eċċezzjoni li l-azzjoni biex dak il-kreditu jiġi kanoniżżat ikun skadielha t-terminu tal-azzjoni. Fis-sentenza **"Korporazzjoni Għas-Servizzi Tal-Ilma vs Oil and Construction International Limited"** (924/2001/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-28 ta' April 2004 ingħad:

*"In linea ġenerali, huwa dottrinalment riċevut illi l-preskrizzjoni hi definita bħala mod ta' estinzjoni ta' dritt fejn il-fondament tagħha hu rikondott ghar-rinunzja taċita da parti tat-titular tad-dritt. Abbinat ma' din it-tifsira jingħad ukoll illi l-esiġenza ta' preskrizzjoni hi dik li tiġi assigurata iċ-ċertezza tar-rapporti guridiċi…."*

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attur wera traskuraġni meta c-*cheque* tal-ħlas ġie *misplaced.* Kien traskurat ukoll meta ma ndunax mal-ewwel illi dawk iż-żewġ *barbecue*s baqgħu mhux imħallsa. Sistema ta' *accountanc*y professjonali kienet mal-ewwel tindika dan in-nuqqas fejn allura l-attur kien ikun f'posizzjoni illi jieħu azzjoni mal-ewwel. F'dan il-każ, ma għamel xejn u kien biss wara li skada t-terminu preskrittiv imqajjem mill-konvenut li l-attur għamel xi haga. Dana kien tard wisq għall-finijiet tal-ligi u l-eċċezzjoni tal-konvenut tistħoqq li tkun milqugħa.

La darba l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ġiet milqugħa, mhux il-każ li jiġu kunsidrati l-eċċezzjonijiet l-oħra.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi, illi filwaqt li jiddikjara l-azzjoni attriċi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b), jiċħad it-talba. Bl-ispejjes kontra l-attur.

Dr Michela Spiteri LL.D.
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*